

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Il-Pajjiżi Baxxi vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-231/06 u T-237/06) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Servizz pubbliku tax-xandir — Miżuri meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi — Deċiżjoni li tiddikjara għajjnuna parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-sug komuni — Għajjnuna ġdida jew għajjnuna eżistenti — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Kunċett ta' impriża — Kumpens żejjed għall-ispejjeż tal-missjoni ta' servizz pubbliku — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża”)

(2011/C 38/11)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Pajjiżi Baxxi (rappreżentanti: H. Sevenster u M. de Grave, aġenti) (Kawża T-231/06); u Nederlandse Omroep Stichting (NOS) (Hilversum, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: J. Feenstra u H. Speyart van Woerden, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan et H. van Vliet, aġenti)

Suġġett

Talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/136/KE, tat-22 ta' Ġunju 2006, dwar il-finanzjament ad hoc tax-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż Għajjnuna tal-Istat Nru C 2/2004 (ex NN 170/2003) (ĠU 2008, L 49, p. 1).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- (2) Fil-Kawża T-231/06, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- (3) Fil-Kawża T-237/06, in-Nederlandse Omroep Stichting (NOS) hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 261, 28.10.2006.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Systran u Systran Luxembourg vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-19/07) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Sejħa għal offerti fir-rigward tat-tweġiq ta' proġett li jikkonċerna l-manutenzjoni u t-tisħiħ lingwistiku tas-sistema ta' traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni — Kodiċi sors ta' programm tal-kompjuter ikkummerċjalizzat — Vjolazzjoni tad-dritt tal-awtur — Żvelar mhux awtorizzat ta' għarfien — Rikors għad-danni — Kwistjoni mhux kuntrattwali — Ammissibbiltà — Dannu reali u ċert — Rabta kawżali — Evalwazzjoni tal-ammont tad-dannu bħala somma waħda”)

(2011/C 38/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Systran SA (Pariġi, Franza); u Systran Luxembourg SA (Lusseburg, il-Lusseburg) (rappreżentanti: J.-P. Spitzer u E. De Boissieu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment E. Montaguti u M. F. Benyon, sussegwentement E. Traversa u E. Montaguti, aġenti, assistiti minn A. Berenboom u M. Isgour, avukati)

Suġġett

Rikors għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrenti minħabba numru ta' illegalitajiet imwettqa wara li saret sejħa għal offerti mill-Kummissjoni li tikkonċerna l-manutenzjoni u t-tisħiħ lingwistiku tas-sistema ta' traduzzjoni awtomatika tagħha.

Dispożittiv

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil Systran SA kumpens bħala somma waħda ta' EUR 12 001 000.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.03.2007.